



Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Pollakka dwar it-tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni

Il-miżuri kontenzjużi jiksru l-prinċipji ta' irremovabbiltà tal-imħallfin u ta' indipendenza ġudizzjarja

Fit-3 ta' April 2018 daħlet fis-seħħ il-liġi l-ġdida Pollakka dwar il-Qorti Suprema (iktar 'l quddiem il-*"Liġi dwar il-Qorti Suprema"*). Skont din il-liġi, l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema tnaqqset għal 65 sena. Il-limitu ta' età l-ġdid japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi, u jinkludi l-imħallfin ta' din il-qorti maħtura qabel din id-data. L-estensjoni tal-funzjoni ġudizzjarja attiva tal-imħallfin tal-Qorti Suprema lil hinn mill-età ta' 65 sena kienet possibbli iżda kienet suġġetta għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni li tindika x-xewqa tal-imħallf ikkonċernat li jkompli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu u ta' ċertifikat li jattesta li l-istat ta' saħħa tiegħu jippermettilu jservi bħala mħallf, kif ukoll l-awtorizzazzjoni tal-President tar-Repubblika tal-Polonja. Sabiex jagħti din l-awtorizzazzjoni, il-President tar-Repubblika tal-Polonja ma huwa marbut bl-ebda kriterju u d-deċiżjoni tiegħu ma hija suġġetta għal ebda sfidat ġudizzjarju.

B'hekk, skont din il-liġi, l-imħallfin fil-kariga fil-Qorti Suprema li laħqu l-età ta' 65 sena qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi jew, iktar tard, fit-3 ta' Lulju 2018, kellhom jirtiraw fl-4 ta' Lulju 2018, sakemm ma kinux ippreżentaw, sa' mhux iktar tard fit-3 ta' Mejju 2018, tali dikjarazzjoni u tali ċertifikat, u jekk il-President tar-Repubblika tal-Polonja kien tahom l-awtorizzazzjoni li jestendu l-kariga tagħhom mal-Qorti Suprema.

Fit-2 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja¹. Il-Kummissjoni tqis li, minn naħa, billi tnaqqas l-età tal-irtirar u billi tapplika din għall-imħallfin fil-kariga maħtura fil-Qorti Suprema sat-3 ta' April 2018 u, min-naħa l-oħra, billi tagħti lill-President tar-Repubblika tal-Polonja s-setgħa diskrezzjonali li jestendi l-funzjoni ġudizzjarja attiva tal-imħallfin tal-Qorti Suprema, il-Polonja kisret id-dritt tal-Unjoni².

Permezz ta' digriet tal-15 ta' Novembru 2018, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba tal-Kummissjoni sabiex il-kawża tiġi ttrattata skont il-proċedura mħaffa.

Waqgħat is-seduta, il-Kummissjoni enfasizzat li minkejja l-emendi magħmula lid-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema, li qed jiġu kkontestati fil-proċedura preżenti, permezz tal-liġi tal-21 ta' Novembru 2018, hija ma kinitx ċerta li l-liġi tal-21 ta' Novembru 2018 telimina l-allegati ksur tad-dritt

¹ Barra minn hekk, sakemm tinqata' s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni kienet talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' proċeduri għal miżuri provviżorji, tordna lill-Polonja tadotta l-miżuri provviżorji li ġejjin: 1) tissospendi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar it-tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema; 2) tiegħu kwalunkwe miżura neċessarja sabiex tiżgura li l-imħallfin tal-Qorti Suprema kkonċernati mid-dispożizzjonijiet kontenzjużi jistgħu jibqgħu jwettqu l-funzjoni tagħhom fl-istess pożizzjoni, filwaqt li jgawdu l-istess status u l-istess drittijiet u kundizzjonijiet ta' impjeg bħal qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema; 3) ma tiegħu ebda miżura intiża għall-ħatra ta' mħallfin fil-Qorti Suprema minflok dawk ikkonċernati minn dawn id-dispożizzjonijiet, kif ukoll ebda miżura intiża li taħtar l-Ewwel President il-ġdid tal-Qorti Suprema jew li tidentifika l-persuna responsabbli sabiex tmexxi l-Qorti Suprema minflok l-Ewwel President tagħha sakemm jinħatar l-Ewwel President il-ġdid; 4) tikkomunika lill-Kummissjoni, mhux iktar tard minn xahar wara n-notifika tad-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja, u mbagħad, regolarment kull xahar, kull miżura meħuda sabiex tikkonforma ruħha bis-siġġir ma' dan id-digriet. Permezz ta' digriet tas-17 ta' Diċembru 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet kompletament it-talba għal miżuri provviżorji tal-Kummissjoni sakemm tingħata s-sentenza f'din il-kawża (ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru 204/18).

² It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'l quddiem il-*"Karta"*).

tal-Unjoni, u li, fi kwalunkwe każ, jibqa' interess li tingħata sentenza f'din il-kawża fid-dawl tal-importanza tal-indipendenza tal-ġudikatura fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, l-ewwel nett, li d-dritt tal-Unjoni jistrieħ fuq il-premessa bażika li kull Stat Membru jaqsam mal-Istati Membri l-oħra kollha, u jirrikonoxxi li huma jaqsmu miegħu, il-valuri komuni msemmija fl-Artikolu 2 TUE³. Din il-premessa timplika u tiġġustifika l-eżistenza tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u, b'mod partikolari, il-qrati tagħhom fir-rikonoxximent ta' dawn il-valuri, li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, li fost dawn hemm l-istat tad-dritt, u, għaldaqstant, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni li jimplementahom.

Barra minn hekk, għalkemm l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri taqa' fi ħdan il-kompetenza ta' dawn tal-aħħar, xorta jibqa' l-fatt li, meta jeżerċitaw din il-kompetenza, l-Istati Membri huma marbuta li jikkonformaw ruħhom mal-obbligi li jirriżultaw fil-konfront tagħhom mid-dritt tal-Unjoni. Minn dan jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rimedji legali meħtieġa sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fis-sens tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. B'mod iktar partikolari, kull Stat Membru għandu jiżgura, bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li l-qrati, bħala "qorti" fis-sens kif iddefinit mid-dritt tal-Unjoni, li huma parti mis-sistema ta' rimedji f'dawn l-oqsma, jissodisfaw ir-reqwiżiti ta' tali protezzjoni. Sabiex jiġi żgurat li qorti bħall-Qorti Suprema tkun tista' toffri din il-protezzjoni, il-preżervazzjoni tal-indipendenza ta' din il-qorti hija fundamentali. Konsegwentement, ir-regoli nazzjonali msemmija mill-Kummissjoni fir-rikors tagħha jistgħu jkunu suġġetti għal sħarriġ skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-libertà indispensabbli tal-imħallfin fir-rigward ta' kwalunkwe interferenza jew pressjoni esterna tirrikjedi ċerti garanziji, fosthom l-irremovabbiltà, intiżi li jipproteġu lill-persuna ta' dawk li għandhom il-kompitu li jiġġudikaw. Il-prinċipju ta' irremovabbiltà jeżiġi, b'mod partikolari, li l-imħallfin ikunu jistgħu jibqgħu fil-kariga sakemm jilħqu l-età obligatorja tal-irtirar jew sa tmien il-mandat tagħhom meta dan ikun għal perijodu speċifiku. Mingħajr ma dan ikollu natura totalment assoluta, dan il-prinċipju jista' jiġi affettwat biss minn eċċezzjonijiet sakemm ikun hemm raġunijiet leġittimi u imperattivi li jiġġustifikawh, u dan fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan il-każ, l-applikazzjoni tal-miżura intiża li titbaxxa l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema għall-imħallfin fil-kariga fi ħdan din il-qorti, għandha bħala konsegwenza tmien antiċipat tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji ta' dawn tal-aħħar. Tali applikazzjoni tista' tiġi aċċettata biss jekk tkun iġġustifikata minn għan leġittimu u proporzjonat fid-dawl ta' dan u sakemm ma tagħtix lok għal dubji leġittimi, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-qorti kkonċernata fir-rigward tal-fatturi esterni u tan-newtralità tagħha fir-rigward tal-interessi kkonċernati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċad l-argument tal-Polonja li t-tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema għal 65 sena kellu l-intenzjoni li jarmonizza din l-età mal-età ġenerali tal-irtirar applikabbli għall-ħaddiema kollha fil-Polonja u ttejjeb, b'dan il-mod, l-istruttura tal-età fil-kuntest ta' din il-qorti. Fil-fatt, l-espożizzjoni tal-motivi tal-abbozz tal-liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema, l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ġdid li jippermetti lill-President tar-Repubblika jiddeċiedi, fuq bażi diskrezzjonali, li jestendi l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallf hekk kif huwa mqassar, u l-fatt li l-miżura inkwistjoni affettwat kważi terz tal-membri ta' din il-qorti, inkluż l-Ewwel President ta' din il-qorti li l-mandat tiegħu ta' sitt snin, li huwa ggarantit mill-Kostituzzjoni, tqassar ukoll, huma ta' natura tali li jistgħu jagħtu lok għal dubji serji dwar l-għanijiet reali ta' din ir-riforma. Barra minn hekk, din il-miżura ma tidhirx li hija xierqa sabiex jintlaħqu l-allegati għanijiet mill-Polonja, u lanqas ma hija proporzjonata. Konsegwentement, **il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-applikazzjoni tal-miżura ta' tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema għall-imħallfin fil-kariga fi ħdan din il-qorti ma hijiex iġġustifikata minn għan leġittimu u tikser il-prinċipju ta' irremovabbiltà tal-imħallfin li huwa inerenti għall-indipendenza tagħhom.**

³ Din id-dispożizzjoni tipprevedi b'mod partikolari li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-qorti jirrikjedu li l-qorti kkonċernata teżerċita l-funzjonijiet tagħha b'mod indipendenti, billi tkun protetta minn interferenzi jew pressjonijiet esterni, li jistgħu jaffettwaw l-indipendenza fil-ġudizzju tal-membri tagħha u li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom, fl-osservanza tal-oġġettività u fl-assenza ta' kwalunkwe interess fis-soluzzjoni tat-tilwima. F'dan ir-rigward, hija tqis li l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet proċedurali li għalihom il-liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema tissuġġetta l-estensjoni eventwali tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Qorti Suprema lil hinn mill-età normali tal-irtirar ma jissodisfawx tali rekwiżiti. Fil-fatt, tali estensjoni issa hija suġġetta għal deċiżjoni mill-President tar-Repubblika li hija ta' natura diskrezzjonali, peress li l-adozzjoni tagħha, bħala tali, ma hijiex suġġetta għal kwalunkwe kriterju oġġettiv u verifikabbli, u li ma għandhiex tkun immotivata. Barra minn hekk, din id-deċiżjoni ma tistax tkun is-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju. Barra minn hekk, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, meta jissejjaħ sabiex jagħti opinjoni lill-President tar-Repubblika, qabel ma dan jadotta d-deċiżjoni tiegħu, għandu, bħala regola ġenerali u fl-assenza ta' regola li timponi obbligu fuq li jimmotiva din, sempliċement jagħti opinjonijiet, kemm jekk favorevoli kif ukoll jekk mhux favorevoli, kultant mingħajr ebda motivazzjoni jew inkella b'motivazzjoni purament formali. Għalhekk, tali opinjonijiet ma jistgħux jikkontribwixxu sabiex jiċċaraw b'mod oġġettiv l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali mogħti lill-President tar-Repubblika sabiex jawtorizza, f'żewġ okkażjonijiet, kull darba għal perijodu ta' tliet snin, bejn l-età ta' 65 sena u l-età ta' 71 sena, it-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallf tal-Qorti Suprema. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li din is-setgħa hija ta' natura tali li tista' tagħti lok għal dubji leġittimi, b'mod partikolari f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fir-rigward tal-fatturi esterni u tan-newtralità tagħhom f'relazzjoni mal-interessi li x'aktarx jiltaqgħu magħhom.

TFAKKIRA: Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, ippreżentat kontra Stat Membru li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni, jista' jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru ieħor. Jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jiġi kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma kkonformax ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni ta' miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta tagħha, sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tas-sentenza inizjali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-ġoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106